MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 402/2013

Appell Nru: 402/2013

Il-Pulizija

[Spettur Ramon Mercieca]

Vs

Paul Debono

Illum, 26 ta' Gunju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Paul Debono, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 103457M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il- il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-30 ta' Settembru, 2012 gewwa In

N Out take away and snack bar- Rabat, jew hu jew impjegati tieghu u/jew persuna ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona oggetti ghall-bejgh ta' oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax –il skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxa fuq il-Vlaur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o) 81 u 82 ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fil-25 ta' Settembru, 2013, fejn il-Qorti, wara illi rat l-artikoli 51, u 77(o) kif ukoll il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u taghha ikkundannatu multa ta' disgha mitt Euro (€900).

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti:

1. Tilqa' dan l-appell fis-sens illi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u filwaqt li tiddikjarah mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.
2. Alternattivament f'kaz illi tichad l-ewwel talba, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok timmitiga l-piena u multa inflitta sabiex tkun aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok, minkejja li huwa minnu li l-journal kien wehel u ghalhekk beda jippancja fuq xulxin, l-esponent gab il-prova quddiem l-Ewwel Qorti li l-ircevuti kienu qed jigu ppancjati u jinghataw lill-klijenti fejn huwa esebixxa seduta stante waqt l-udjenza Z readings kollha sa minn Awwissu, 2012 u ghalhekk mhux il-kaz kif qalet l-Ewwel Qorti li "... l-ahhar ricevuti li nzammu kopja taghhom kienu tat-30 ta' Awwissu, 2012." Peress illi Z readings jikkonfermaw li rcevuti kienu qed johorgu.

Illi inoltre' tajjeb wiehed janalizza l-intenzjoni tal-legizlatur meta ssanzjona kazijiet fejn "...hu jew impjegati tieghu u/jew persuna ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, offra li jipprovdi lill-persuna ohra u/jew espona oggetti ghall-bejgh ta' oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud..." fejn hawn

hekk l-iskop jirreferi ghal dawk il-kazijiet fejn l-operatur jahdem minghajr cash register ghax mhux tahdem u ghalhekk ma johrog ricevuta lill-klijent u mhux bhal f'dan il-kaz fejn l-ircevuti kien qed johorgu Z reading li juri sales li saru ukoll kienu qed johrogu u ghalhekk dan juri li m'hemmx ir-riskju li qed isir bejgh minghajr ma jigi dikjarat mad-dipartiment tal-VAT.

Illi fl-umli fehma tal-esponent l-akkuza ma tistax tirrizulta stante illi mill-provi u xhieda gia prodotti jirrizulta li ma kienx il-kaz li l-esponent kien "sprovvist minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali" kif tirrikjedi l-ligi tant illi ricevuti kien qed johrog u anki Z readings ta' xahar bhala prova ta' sales gew esebiti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju, b' riferenza ghall-piena inflitta l-esponent umilment jirrileva illi fic-cirkostanzi hija wahda eccessiva u fl-umli fehma tal-esponent il-minimu tal-multa tkun aktar idonea ghall-kaz in kwistjoni.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellant jiggestixxi take away bl-isem ta' In 'N' Out, ir-Rabat u fit-tletin (30) ta' Settembru tal-elfejn u tnax (2012) ghal habta tal-hdax ta' filghaxija (11.00 p.m.) zewg spetturi tal-VAT, Jonathan Fenech u Lorraine Galea, marru fil-fond tal-appellant fejn staqsewh ghal ircevuta wara li ndunaw illi serva lil xi nies u ma hargilhomx ircevuta. L-appellant gab l-iskuza illi l-cash register ma kienx qed jahdem. Ghalhekk l-ispetturi fethu r-romblu jew il-journal tal-cash register u sabu illi l-ahhar entry kienet wiehed u tletin (31) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012). Ktieb tal-ircevuti ma kienx hemm u l-appellant ma ta l-ebda spjegazzjoni il ghala ma kienx qed juza dan il-ktieb la darba l-cash register ma kienx qed jahdem. Terga' u tghid l-appellant qal lil Lorraine Galea illi l-journal kien fit-trash, kien ramih, u l-ispetturi qalulu biex igibu l-ufficcju però l-appellant ma gab xejn. Minkejja illi l-ahhar entry fil-journal kien wiehed u tletin (31) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012), meta l-ispetturi kienu talbu lill-appellant sabiex johrog ircevuta lill-klijenti, qalilhom illi dan ma setax jaghmlu ghax il-cash register waqaf jahdem ftit sieghat qabel.

L-appellant ta d-depozizzjoni tieghu f'dawn l-atti u qal illi huwa minnu illi dahlu zewg spetturi tal-VAT fl-istabbiliment tieghu u dak il-hin il-cash register ma kienx qed johrog ircevuti. Però induna dan meta dahlu l-istess spetturi ghax minghalih l-ircevuti kienu qed jigu stampati u sab illi wehlet il-katina u l-ircevuti kienu qed jigu stampati

fuq xulxin. Argumenta illi ma setax ikun jaf illi l-journal ma kienx qed jimmarka peress illi dan tista' tarah biss meta jispicca r-romblu u tiftah il-cash register u ma kellu l-ebda indikazzjoni li r-romblu kien waqaf. Ghalhekk peress illi d-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud deherlu illi l-appellant kiser ir-regolamenti tal-istess Att, tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi. U b'sentenza tal-25 ta' Settembru 2013 (fol 11) il-Qorti tal-Magistrati sabtu hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal disa' mitt ewro (€ 900).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx l-aqwa prova meta ma ressqitx lit-tieni VAT inspector Jonathan Fenech sabiex jixhed quddiem il-Qorti meta kien dana Fenech illi tkellem direttament mal-appellant. Argumenta wkoll illi kien minnu illi l-journal ma kienx qed jahdem però peress illi dana kien fuq gewwa u ma kienx vizibbli fuq barra, l-appellant ma kellu l-ebda mezz ikun jaf b'dan u ghalhekk ma kellu ebda intenzjoni jikser il-ligi.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel ilment tal-appellant illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova, il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 638(1) tal-Kap. 9 illi jghid illi "bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti." Dan l-artikolu jibda bil-premessa "bhala regola." Dan il ghaliex il-ligi tirrealizza illi mhux dejjem il-Prosekuzzjoni tkun f'pozizzjoni li ggib il-provi kollha li possibilment jezistu u ghalhekk tibqa' bil-premessa "bhala regola". Ma jfissirx illi b'daqshekk jekk il-Prosekuzzjoni thalli barra xi xhud l-investigazzjoni hija kompromessa. F'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni deherilha illi kien se jkollha provi bizzejjed bix-xhieda tal-VAT inspector Lorraine Galea u ma kienx hemm ghalfejn ittella' ukoll lill-VAT inspector Jonathan Fenech.

Ghalhekk il-Qorti ma jidhirliex illi dan l-argument tal-appellant, illi f'dan il-kaz ghandna biss provi sekondarji li ma jwasslux ghall-konvinciment morali dwar il-htija tal-appellant, ghandu jreggi. Il-VAT inspector Lorraine Galea kienet fuq il-post u rat

kollox qed isir quddiemha u setghet tixhed "di proprio" dwar dak in-nuqqas illi kien qed jigi addebitat l-appellant.

Il-Qorti ezaminat il-provi prodotti kif ukoll l-argumenti tal-ewwel Qorti fis-sentenza taghha u ssib illi dawn l-argumenti jirrispettaw il-provi prodotti. L-aktar haga kompromettenti ghall-appellant kien il-fatt illi l-ahhar ircevuti li nzammu kopja taghhom kienu hargu fit-tletin (30) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) u inoltre ma jidhirx illi l-ircevuti kienu qed jigu stampati wahda fuq l-ohra. Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi d-diskrezzjoni taghha tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------